**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Ass. Kummissarju Stephen Gatt)**

**vs**

**Mark Fiteni**

**Kumpilazzjoni Numru**: **163/2002**

**Illum, 14 ta' Marzu, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Mark Fiteni,** ID 315175M;

Akkuzat:

Talli fl-1 ta' Frar, 2001 ghall-habta tat-3.30am gewwa Triq Marina Gzira:

a) B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta’ Hans Dieter Sperber mill-Germanja, liema offizi gravi ikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjonijet ta’ xi parti tal-gisem jew gabitlu difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh, kif ukoll talli l-istess offizi gabulu marda tal-mohh jew tal-gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien zammet lil Hans Dieter Sperber milli jmur ghax-xoghol tieghu hekk kif iccertifikat Dr Marilena Borg M.D. ta’ l-Sptar San Luqa.

b) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq vettura DAP521 tal-marka Austin b’giri aktar milli jmissu.

c) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq vettura DAP521 tal-marka Austin b’manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

d) Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikata il-licenzja tas-sewqan ta’ Mark Fiteni jew jigi skwalifikat milli jottjeni l-licenzja.

Rat il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat registrata fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2019 u ghalhekk l-akkuzi jirrizultaw pruvati.

Rat illi l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu fis-seduta tal-lum stess l-14 ta' Marzu 2019 wara li l-Qorti regghet tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet iggib maghha;

Rat illi ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat li saret wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi;

Wara li rat il-fedina penali netta tal-imputat;

Wara li kkunsidrat illi din il-kawza tittratta incident li sehh lura fl-01 ta' Jannar 2001 u (1) li t-trapass taz-zmien f'dawn il-proceduri ma kienx tort tal-imputat u (2) li ma jirrizultax li tul dan iz-zmien l-imputat kellu xi kaz iehor mal-Pulizija;

Wara li rat l-Artikoli 216, 218(1)(a), u 226(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti fuq ammissjoni issib lill-istess imputat hati u ghaldaqstant qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem car l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza, l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza u x'jigri jekk huwa jikkommettu reat iehor matul il-perjodu msemmi fil-paragrafu precedenti.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur